# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 31

Data tal-laqgħa: 21 ta' Diċembru, 2016

*Il- Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 21 ta' Diċembru 2016 fis-6.05p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Josmar Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 p.m. billi ntqalet it-talba.

**31/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm.

**31/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 30**

**31/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**31/02/02** **Para 30/02/06:** L-Avukat talabna iktar informazzjoni rigward il-kiosks tal-festa u bgħatnihilu.

**31/02/03** **Para 30/02/07:** Il-Kunsill ħa jerġa' jfakkar lil tal-Works rigward ix-xogħol ta' patching fi Triq Santa Katerina.

**31/02/04** **Para 30/02/08:** Il-Kunsill qed isegwi mal-ENEMALTA sabiex il-bozza titqabbad.

**31/02/05** **Para 30/02/10:** Ir-*refreshing* tal-*junction box* fil-Bypass ta' Birguma sar.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**31/02/06** **Para 30/02/11:** Il-Kunsill għandu jkellem lill-bidwi sabiex ineħħi l-bajtar tax-xewk mill-passaġġ fi Sqaq il-Ħofra.

**31/02/07** **Para 30/02/12:** Il-*crash barrier* li tlabna lil TM għal Triq Santa Katerina għadha ma saritx.

**31/02/08** **Para 30/02/13:** Il-yellow line fi Triq Ferdinand k/m Triq il-Ġnien ħa jsir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

**31/02/09** **Para 30/02/14:** It-tabelli ta' "No Heavy Vehicles" kif ukoll it-tabella tal-Priority saru.

**31/02/10** **Para 30/02/16:** Il-Kunsill qed isegwi ma' TM fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**31/02/11** **Para 30/02/17:** Fuq il-proposta li l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja tiġi devoluta, il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir *site-visit* flimkien ma' Libreriji Maltin. Il-Kunsill qabel li jekk din il-kamra ma tkunx tajba l-Kunsill għandu jinsisti li l-librerija pubblika terġa' tmur lura fl-iskola primarja kif kienet qabel.

**31/02/12** **Para 30/02/18:** Ġiet innutata li s-Sinjura Mary Elizabeth Azzopardi bdiet taħdem mal-Kunsill mill-1 ta' Diċembru 2016.

**31/02/13** **Para 30/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li rċevejna mid-Dipartiment sabiex noħorġu kwotazzjoni għas-Servizz tal-Knis li tagħlaq fi żmien ġimgħa kif ukoll sejħa għal offerti. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareġ sejħa għal offerti biss u li din tinħareg malajr. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din is-sejħa ser tinħareġ il-Ġimgħa.

**31/02/14** **Para 30/02/20:** Is-Sindku spjega li s-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew għadha ma ffirmatx il-ftehim fuq it-tiżjin tal-Milied bid-dawl dekorattiv.

**31/02/15** **Para 30/02/21:** Il-Kunsill kellem lid-Dipartiment tar-Restawr fuq il-ħsara tal-Victoria Lines.

**31/02/16** **Para 30/02/22:** Il-Kunsill unanimament qabel li mhux ħa jieħu sehem fil-kampanja 'Tree for you'.

**31/02/17** **Para 30/02/23:** Is-Sindku preżenta l-pjanta għal ġnien żgħir ħdejn is-Searchlight Battery. Is-Sur Mark Azzopardi ssuġġerixxa li jitneħħew l-spazji ta' parkeġġ u jitħalla biss il-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, dan sabiex il-ġnien jirbaħ iktar spazju u jonqos l-abbuż. Il-Maġġoranza qablet li l-pjanti jibqgħu kif inhuma u għaldaqstant jitħalla l-parkeġġ ta' persuni b'diżabilità u żewgt parkeġġi oħra.

**31/02/18** **Para 30/02/24:** Fuq it-talba għal mera faċċata ta' St. Mark's House fi Triq San Ġwann, min għamel it-talba għandu jkellem lil sid id-dar ta' faċċata.

**31/02/19** **Para 30/02/25:** Il-*junction box* ta' Triq San Nikola għadha ma tneħħitx.

**31/02/20** **Para 30/02/26:** Il-kaxxa safra fi Triq San Ġwann ħdejn l-Sprayer tneħħit.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**31/02/21** **Para 30/02/27:** Il-kunsill rċieva l-istima għal bandiera ta' Ħal Għargħur. Il-Kunsill unanimament qabel li tinxtara.

**31/02/22** **Para 30/02/28:** Ir-*refreshing* tal-*markings* ta' Triq F. Zarb kif ukoll il-*yellow line* fi Triq l-Isqof Gargallo ħa jsiru fil-ġranet li ġejjin.

**31/02/23** **Para 30/02/29:** Il-parking fil-Pjazza k/m Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu sar.

**31/02/24** **Para 30/02/30:** Kemm l-ittra lil LESA kif ukoll lill-Ministru tal-Edukazzjoni ntbagħtu.

**31/02/25** **Para 30/03/02:** Is-Sindku spjega li r-rapport li prepara l-Ing. Mario Sammut fuq il-Ġnien ta' Żagħruna gie jiswa EUR 271.40. Kien hemm qbil li dan jithallas,

**31/02/26** **Para 30/03/03:** Is-Sur Ġiljan Aquilina nforma lill-Kunsill li kemm l-attività Wasal il-Milied fil-Gharghur, Milied fil-Pjazza, l-attività tal- Mixja sal-Għar kif ukoll l-attività Għana f'Ħal Għargħur saru u kienu suċċess. Is-Sindku spjega li l-fondi li nġabru waqt dawn l-attivitajiet ħa jmorru b'risq il-*Community Chest Fund*. Somma totali migbura kienet ta' EUR1,000 li gew prezentati waqt l-Istrina nhar 26 ta' Dicembru 2016.

**31/02/27** **Para 30/03/06**: Il-ħarġa kulturali ġewwa l-Mellieħa saret u kienet suċċess.

**31/02/28** **Para 30/03/07:** Is-Sindku għandu jkellem lis-Sur N. Minuti mill-Bank of Valletta fuq il-ftehim rigward l-ATM.

**31/02/29** **Para 30/05/01:** Il-Kunsill unanimament qabel li nibagħtu ittra lill-Ministru konċernat fuq il-problema li wħud mill-bozoz ta' fuq tal-master antenna ghadhom mitfija.

**31/02/30** **Para 30/05/02:** Il-fjuri fi Triq Stiefnu Zerafa ħa jsiru mill-E.L.C.

**31/02/31** **Para 30/05/03:** Is-*site visit* ħdejn il-ground tal-football saret u ġie deċiż li jehlu tabelli ta' *No Parking* fuq pole mal-ħajt kif ukoll niktbu *No Parking* sabiex min għandu l-garaxxijiet ikun jista' joħroġ mingħajr problema. Barra minnhekk kien hemm qbil li isir tabella fuq in-naha ta' barra tal-isqaq biex ma jigix imxekkel id-dhul fl-istess zona.

**31/02/32** **Para 30/05/04:** Is-Sindku u s-Sur Christopher Fenech għandhom jiltaqgħu mal-Foreman tad-Direttorat tat-toroq sabiex isir culvert fil-biċċa d-dejqa ta' Sqaq il-Ħofra u ieħor fi Triq San Nikola.

**31/02/33** **Para 30/06/07:** It-tlett tabelli tal-Klieb għandhom jinżammu biċ-ċinga gew ordnati.

**31/02/34** **Para 30/06/11:** Fuq il-*Payroll Bureau Services,* is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat it-tlett kwotazzjonijiet u spjegat li wara li kkunparat it-tlett kwotazzjonijiet il-proposta ta' D-Consulta Ltd kienet l-iktar waħda vantaġġjuża.

**31/02/35** **Para 30/06/18:** Il-Kunsill mhux lest li jħallas is-somma ta' €4300 għal mid-term audit għaldaqstant il-Kunsill qabel li nistennew l-audit li ssir fil-bidu ta' sena.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**31/03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-Draft Budget 2017 u Rapport Amministrattiv**

Kemm id-Draft Budget 2017 kif ukoll ir-Rapport Amministrattiv ġew approvati.

**31/04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**31/04/01** Is-Sindku spjega li gie infurmat li l-Gvern ma ghandux intenzjoni li jiehu l-art tal-barriera tax-Xwieki lura u jghaddiha lill-Kunsill Hu qal ukoll l-għaqda ta' B'Kara St. Joseph għandhom proġett u jixtiequ li juruh lill-Kunsill. Skont il-Viċi-Sindku l-Gvern għandu jieħu l-art lura. Is-Sindku qal li l-proġett għandu għan sporttiv kif ukoll għan kummerċjali. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lir-residenti li joqgħodu fil-*Housing Estate* ta' Xwieki billi titqassam karta f'kull dar u l-laqgħa ssir fis-sala tal-Kunsill. Is-Sur Mark Azzopardi spjega li aħjar isir ġnien sabiex jitgawda mir-residenti ta' Ħal Għargħur. Is-Sur Mario Gauci innota li filwaqt li originarjament il-Gvern kien qalilna li ser jiehu l-art lura issa dan mhux ser isir. Hu ssuggerixxa li għal-laqgħa jkun hemm preżenti kemm ir-residenti li joqghodu fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki kif ukoll il-Kumitat ta' B'Kara St. Joseph. Barra minn hekk talab li noġġezzjonaw mal-Gvern peress li ma gewx osservati l-kundizzjonijiet tac-cens u nkomplu u ninsistu li l-ground jiġi f'idejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur. Is-Sur Carl Grech qal li l-ewwel għandna ninfurmaw lir-residenti qabel ma' ssir il-laqgħa mal-Kumitat ta' Xwieki. Is-Sur Christopher Fenech ssugerixxa li nibghatu ittra lir-residenti u jigi avzat l-kumitat li qieghed jiraprezenta liz-zona. Ġie deċiż li nagħmlu kuntatt mal-Kumitat ta' Xwieki mbagħad ninfurmaw lir-residenti bid-data u l-ħin meta tkun ħa ssir il-laqgħa.

**31/04/02** Fuq l-isqaq magħruf bħala tal-Fusinu, is-Sindku propona li jiġi jismu Sqaq ta' ċint il-wiesgħa. Kien hemm qbil fuq dan. Barra minn hekk is-Sur Christopher Fenech propona li peress Triq Santa Katerina maqsuma fi tnejn, parti minnha tiġi Triq Dun Karm Bezzina. Il-Vici-Sindku qal li minn fejn hemm ir-razzett sal-*main road* għandha tagħmel ma' Triq Naxxar. Ghanha isir site visit biex naraw ahjar x'jista jsir.

**31/04/03** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt l-attività Milied fil-Pjazza twaqqaf rekord nazzjonali gdid li huwa dak tal-akbar presepju mahdum bil-panettone. Waqt l-inizjattiva ingabru fondi ghal-MCCFF

**31/05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**31/05/01** Is-Sur Christopher Fenech ressaq oggezzjoni ghad-direttiva sabiex isir tnaqqis mill-allowance tal-Kunsilliera meta dawn jonqsu milli jattendu l-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel ma din l-oggezzjoni u s-Segretarju Ezekuttiv għandha tibgħat din l-ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil unanimu.

**31/06 Ilmenti u Suġġerimenti**

**31/06/01** Daħlet talba għal *sleeping police* fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill għandu jfakkar lil ta' Districts.

**31/06/02** Fuq it-talba għal dog bin fi Triq il-Kbira. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

**31/06/03** Daħal ilment li l-bankina fi Triq Dun Karm Vella ġiet tiżloq. Ġie deċiż li għalissa tibqa'

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

pendenti.

**31/06/04** Fuq it-talba li titneħħa l-*sleeping police* ta’ Triq Caravaggio. Ġie deċiż li ghadna nghatu cans biex naraw jekk jidhlux iktar ilmenti fuq l-istess affari.

**31/06/05** Is-Sindku talab li ssir tabella bil-vleġeġ fi Triq Santa Katarina. Din ġiet approvata.

**31/06/06** Is-Sur Carl Grech talab li ssir bankina fi Triq l-Indipendenza u li l-Kunsill jixtri l-kurduni bħalma jagħmel f’dawn il-każijiet. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm qbil ukoll li jigu avzati l-pulizija u l-LESA biex jiehdu hsieb li tigi infurzata l-ligi fejn jidhol parkegg ilegali.

**31/06/07** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-bicca minn Triq San Gwann ħdejn it-torri jsir bit-tarmac. Il-Kunsill qabel li jġib stima u li x-xogħol isir meta jkun hawn il-apparat mehtieg. Barra minn hekk is-Sur Fenech talab li jinxtraw erba’ tabelli ġodda. Dawn ġew approvati. Il-Kunsill qabel li kull tant żmien għandu jkun hemm warden ħdejn tal-VRT peress li qed jidħlu trakkijiet kbar. Fl-aħħar ressaq li jinxtraw pot u ciotola. Kien hemm qbil.

**31/06/08** Is-Sur Mark Azzopardi talab li jsiru linji mal-kantuniera u linja safra quddiem ir-resident fi Triq Caravaggio k/m Triq il-Qiegħed. Kien hemm qbil unanimu.

**31/07** **Korrispondenza**

**31/07/01** Ġew innutati r-*Rubble Walls and Rural Structures Regulations.* Il-Kunsill qabel li jagħmel kuntatt ma’ sid l-għalqa sabiex jibni l-ħajt tas-sejjieħ.

**31/07/02** Il-Kunsill innota korrispondenza għal laqgħa bejn Dr Marc Sant u s-Sindku u l-Kunsillieri tal-Kunsill Lokali Għargħur. Is-Segretarju Ezekuttiv ħa tikkonferma l-attendenza.

**31/07/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA. Ġie deċiż li ssir objection fuq PA/06523/16.

**31/07/04** Il-Kunsill irċieva kopja tal-*broucher* li ħa jitqassam bieb bieb mill-eco councillors tal-Green MT Ltd.

**31/07/05** Il-Kunsill approva li jsiru t-tiswijiet fuq il-lift.

**31/07/06** Il-Kunsill approva l-aċċess ta’ Sinj. M. Azzopardi għas-sistemi tal-Kunsill.

**31/07/07** Il-Kunsill innota korrispondenza mid-DLG fuq il-pagament ta’ €14017.25 rigward il-PPP.

**31/07/08** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 48/2016 – il-Community Workers’ Scheme fil-Kunsilli Lokali.

**31/07/09** Ġiet innutata ċ-Ċirkulari Numru 47/2016 - Inizjattiva ta’ Taħriġ – Sistema ta’ Akkwist Elettroniku (l-ePPS) (www.etenders.gov.mt).

**31/07/10** Ġiet innutata korrispondenza li bgħat is-Sindku fuq l-Għassa tal-Għargħur. Ġie deċiż li

nibagħtu ittra lill-Ministru.

**31/07/11** Il-Kunsill approva li tinxtara bandiera ta' Ħal Għargħur.

**31/07/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**31/07/13** Il-Kunsill irċieva ittra dwar l-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2016-2017 (Memo 4/2016).

**31/07/14** Ġiet innutata korrispondenza mill-LCA - Ċirkulari Numru 62/2016 – CLGF Bulletin

**31/07/15** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 45/2016 – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-President tar-Reġjuni u s-Sindki.

**31/07/16** Ġiet innutata Direttiva Numru 5/2016 – Donazzjonijiet.

**31/07/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**31/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**31/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha minbarra wieħed mill-kontijiet tal-ENEMALTA u SE trid tiċċekkja fuq il-kont tal-Melita. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li s-Sur Agostino Xuereb jitħallas €80 għal *flower arrangements* li saru għal attività Wasal il-Milied.

**31/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**31/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2017 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |